MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 19/2003/1

**Richard Colombo**

**vs**

**Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell minn dik li suppost hija sentenza in parte moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede

Kostituzzjonali) fil-15 ta' Dicembru, 2003. Is-sentenza appellata qed tigi annessa bhala appendici ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ("l-Awtorita") hassitha aggravata b'din is-sentenza ghax, skond hi, l-ewwel Qorti irrespingiet wahda mill-eccezzjonijiet taghha. In fatti fir-rikors ta' appell jinghad hekk:

**"2 Illi l-Awtorita` intimata, fost ohrajn irrispondiet ghat-talbiet tar-rikorrent billi eccepiet dak provdut fl-artikolu 52 ta' l-Att 1 ta' l-1992 kif emendat, li fil-paragrafu 6 jipprovdi illi l-effetti ta' l-Avviz biex <u>Tieqaf</u> ghandhom effett immedjat, filwaqt li l-effetti ta' l-Avviz ta' <u>Twettieq</u> jigu sospizi jekk l-individwu li fuqu jkunu hargu dawn l-avvizi jappella, jew japplika biex jissanzjona l-izvilupp illegali msemmi fl-istess Avviz. Illi stante li l-Awtorita` intimata kienet qeghda tesigi li tinforza BISS il-parti ta' l-Avviz biex Tieqaf, l-istess Awtorita` argumentat illi r-rikors tar-rikorrent ghandu, anke ghall-din ir-raguni, jigi michud;**

**3. Illi permezz ta' decizjoni preliminarja moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-15 ta' Dicembru 2003, limitatament fuq din l-eccezjoni mressqa mill-Awtorita`, u ordnat lill-istess Awtorita` biex tistenna l-ezitu ta' l-Appell interpost mill-appellant quddiem il-Bord ta' l-Appelli, qabel ma tesegwixxi anke l-Avviz biex Tieqaf;"**

Din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tirriproduci x'qal in risposta ghar-rikors ta' appell l-appellat Richard Colombo, ghax ir-risposta tieghu semplicement tkompli tingarbulja rikors ta' appell li hu minnu nnifsu wiehed null. Dan qed jinghad ghax ghalkemm l-Awtorita` appellanti qed titlob li din il-Qorti *"thassar u tirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tal-15 ta' Dicembru, 2003 fl-ismijiet premessi, u filwaqt li tilqa' dina l-eccezzjoni ta' l-Awtorita`*

*intimata appellanta, tichad it-talbiet tar-rikorrent appellat, bl-ispejjez kontra r-rikorrent appellat”*, fir-realta` s-sentenza appellata ma ddecidiet assolutament xejn minn dak li qed tghid l-Awtorita` appellanti. Huwa veru li jidher li kien il-hsieb ta’ l-ewwel Qorti li tiddeciedi eccezzjoni sollevata mill-Awtorita` intimata – in fatti fil-bidu tal-“konsiderazzjonijiet” taghha tghid hekk:

**“Illi r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-intimati fis-sens li a tenur ta’ l-Artikolu 52 (6) (2) ta’ l-Att 1 tal-1992, kif emendat bl-att numru XXI tal-2001, l-effetti ta’ l-Avviz biex tieqaf *(stop notice)* ghandhom ikollhom effett immedjat, irrispettivament mill-fatt jekk sarx appell quddiem il-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar, u ghaldaqstant, ir-rikorrenti ghandhom jieqfu mill-uzu llegali minnufih.”**

izda fl-fatt l-ewwel Qorti dina l-eccezzjoni ma ddeciditiex. Id-dizpozittiv tas-sentenza – u “kull dikjarazzjoni li l-qorti trid li tkun deciziva jew obbligatorja, ghandha tigi mdahhla fid-dispozittiv” - Art. 219, Kap 12 - semplicement jghid:

**Fic-cirkostanzi l-Qort tiddeciedi li f’dana l-istadju r-rikors ghandu jibqa’ differit ghal biex il-partijiet jinfurmaw lill-Qorti jekk l-Appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar giex deciz.**

Imkien ma jinghad fid-dispozittiv li xi eccezzjoni qed tigi milqugha jew respinta. Dak kollu li jigi qabel id-dispozittiv jikkostitwixxi l-motivazzjoni ossia r-ragunijiet li jwasslu lil Qorti biex tiddeciedi mod jew iehor, u ma hux moghti appell mill-motivazzjoni – l-appell jista’ jkun biss minn dak li effettivament tkun iddecidiet il-Qorti ta’ l-ewwel grad. Galadarba f’dan il-kaz l-ewwel Qorti ma laqghet jew irrespingiet ebda eccezzjoni – kuntrarjament ghal dak li tghid l-Awtorita` appellanti, u cioe` li rrespingiet eccezzjoni taghha – izda semplicement iddecidiet li tiddifferixxi r-rikors ghal informazzjoni ulterjuri dwar l-appell pendenti quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar (dan hu rifless ukoll fil-verbal tal-15 ta’ Dicembru, 2003, fol. 52 tal-atti), l-

appell ta’ l-Awtorita` huwa null ghax jammonta fir-realta` ghal appell jew tentattiv ta’ appell mill-motivazzjoni tas-sentenza.

Anqas jista’ fil-kaz in dizamina b’xi mod jinghad li d-dispozittiv fis-sentenza huwa konsegwenza neccessarja jew razzjonali tal-motivazzjonijiet li jippreceduh, jew li l-motivazzjonijiet b’xi mod jiddefinixxu jew jispjegaw dan id-dispozittiv, b’mod li wiehed ikun jista’ jitkellem dwar decizjoni implicita (ara ***Grazia Camilleri v. Antonio Sciberras***, Qorti ta’ l-Appell, 29 ta’ Marzu, 1957; ***Maria Felicia Cremona et v. Grazio Debattista et***, Qorti ta’ l-Appell, 15 ta’ Frar, 1963) – f’dan il-kaz id-dispozittiv b’ebda mod ma jsegwi minn dak li jinghad qabel taht l-intestatura ta’ “konsiderazzjonijiet”.

Ghall-motivi premessi, filwaqt li qed jigi dikjarat li l-ewwel Qorti ma ddecidiet dwar ebda eccezzjoni sollevata mill-Awtorita`, tiddikjara l-appell ta’ l-Awtorita` irritu u null, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu, tqieghed lill-partijiet fil-posizzjoni li kienu fiha minnufih qabel il-pronunzjament tal-provvediment tal-15 ta’ Dicembru 2003 u tordna li l-atti jigu minnufih rinvjati lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex dik il-Qorti tkompli tisma’ r-rikors u tiddeciedi fuq it-talbiet tar-rikorrent u fuq l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata skond il-ligi. Fic-cirkostanzi, aktar unici milli rari, ta’ dan il-kaz l-ispejjez ta’ dana l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Deputat Registratur

gr

## APPENDICI

Kopja tad-decizjoni tal-Qorti Civili Prim Awla moghtija fil-15 ta’ Dicembru 2003, qeghdha tigi annessa ma’ din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

MALTA

**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**
**(KOMPETENZA KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Rikors Numru. 19/2003/1

**Richard Colombo**

**Vs**

**Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti.**

## Preliminari

## Rikors ta' Richard Colombo

Rat ir-rikors li permezz tieghu l-esponenti soottometta illi huwa l-proprjetarju ta' porzjon art li tinsab fi Triq Gazzija, Birkirkara li hija murija fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A.

Illi x-xoghol tal-esponenti huwa ta' zviluppatur u cioe jizviluppa proprjeta' u fil-kors tax-xoghol tieghu huwa jirrikjedi l-uzu ta' tlett cranes li jipparkegghom gewwa l-art fuq imsemmija u ilu jaghmel hekk ghall-aktar minn ghoxrin sena.

Illi flimkien mieghu jahdmu wliedu Charles, Antoine u Stefan u l-ghixien tal-esponenti u ta' wliedu jiddependi totalment minn dan ix-xoghol tal-izvilupp li jirrikjedi wkoll l-uzu tal-imsemmija ngenji.

Illi l-esponenti gie notifikat b'avviz biex jieqaf u ta' twettieq fir-rigward tal-art fuq imsemmija u fost affarijiet ohra dan l-avviz hareg biex ma' jsirx parkeggjar tal-imsemmija ngenji – att li l-esponenti ilu jaghmel numru twil ta' snin.

Illi minhabba f'hekk l-esponenti kkontesta dan l-avviz u fil-fatt prezentement hemm pendenti quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar applikazzjoni sanatorja li ggib referenza PA3760/00 u tinsab differita quddiem l-istess Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ghal Settembru 2003.

Illi ftit ta' granet ilu l-esponenti gie avzat mill-*Enforcement Officer* tal-intimat biex fi zmien tmienja u erbghin siegha huwa jiddezisti milli juza l-imsemmija proprjeta' kif hemm tenut fl-imsemmi avviz biex jieqaf u ta' twettieq.

Illi l-esponenti jaf ukoll li kien hemm kazijiet simili fejn persuni ohra gew trattati b'mod differenti u nghataw perijodu ta' hames snin sabiex isibu soluzzjoni u mhux tmienja u erbghin siegha.

Illi tali agir minn naha tal-intimat iledi drittijiet fondamentali u kostituzzjonali tal-esponenti.

Huwa qed jigi mpedut milli **jgawdi hwejgu**, kemm fir-rigward tal-vetturi u kif ukoll fir-rigward tal-art u inoltre, huwa ma' jkunx qed jigi mholli jipprosegwi **process xieraq** fil-kawtela u protezzjoni tad-drittijiet tieghu u b'rizultat t'hekk ikunu qieghdin jigu lezi d-drittijiet kostituzzjonali kif sanciti fl-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li tirrikonoxxi l-protezzjoni tat-tgawdija tal-proprjeta' kif ukoll l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta billi hemm kazijiet ta' persuni ohra f'sitwazzjoni simili ghall-esponenti li gie trattat differentement u ghalhekk hemm **diskriminazzjoni** fil-konfront tieghu minghajr gustifikazzjoni xierqa.

Illi inoltre, qeghdin jigu lezi d-drittijiet tal-esponenti kif sanciti fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet individwali kif sanciti fl-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319, l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hemm ghall-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, u fl-Artikolu 14 tal-imsemmija l-Ewwel Skeda.

Tajjeb lli jigu ribadit u affermat illi l-esponenti ghandu **dritt jahdem** u l-Istat huwa obbligat li jaghmel kondizzjonijiet li huma konducenti ghax-xoghol.  Dan id-dritt tal-esponenti u konsegwenti obbligu fuq l-Istat huwa sancit fl-Artikolu 7 tal-Kostituzzjoni li jghid illi l-istat jirrikonoxxi d-dritt tac-cittadini biex jahdmu u **ghandu** jippromwovi l-kondizzjonijiet sabiex dan id-dritt isir effettiv.

Illi l-intimat qieghed jezigi illi l-esponenti jieqaf minnufih mill-ezercizzju u t-tgawdija tal-proprjeta' tieghu fuq imsemmija u inoltre, l-esponenti m'ghandux post iehor fejn jista' jqieghed l-imsemmija vetturi u l-anqas ma' jista' jipparkeggjahom barra fit-triq billi dan huwa kontra l-ligi.

Illi jekk l-imsemmi Stop and enforcement Notice jigi attwat qabel ma' tigi debitament processata l-applikazzjoni tieghu u minghajr ma' jigi moghti terminu xieraq u adekwat

bhalma inghata lil haddiehor, id-drittijiet tieghu ser jigu lezi.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha.

1. Taghti dawk l-ordnijiet xierqa u opportuni u provizorji sabiex immedjatament l-intimat jigi ordnat sabiex jiddezisti milli jkompli jattwa fizikament l-imsemmi avviz ta’ twaqqif u taghti dawk ir-rimedji ohra ta’ natura provizorja sakemm jigi determinat finalment ir-rikors odjern; u

2. Tiddikjara li bl-agir tieghu l-intimat kiser jew aktarx ser jikser id-drittijiet fondamentali u kostituzzjonali tar-rikorrenti kif fuq premess; u

3. Taghti kull rimedju xieraq u opportun sabiex jigu sanciti u protetti d-drittijiet fondamentali u kostituzzjonali tal-esponenti, kompriz jekk hemm bzonn rimedju kompensattiv li jaghmel tajjeb kemm ghad-danni sofferti mir-rikorrenti.

Bl-ispejjez.

**Rat ir-risposta ta’ l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar a fol. 18;**

Illi preliminarjament, ir-rikors interpost mir-rikorrenti huwa null u ghandu jigi michud stante li l-istess rikorrent ma ezawrix ir-rimedji ordinarji disponibbli ghalih, tant illi kif jinghad mill-istess rikorrent fir-rikors tieghu, hemm appell pendenti quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar;

Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel talba tar-rikorrrent hija frivola u vessatorja stante li l-istess talba diga’ kienet il-mertu ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni numru 996/03 JRM ipprezentat quddiem dina l-Onorabbli Qorti fit-tmintax (18) ta’ Gunju, 2003, u liema mandat gie michud permezz ta’ digriet moghti fl-ghoxrin (20) ta’ Gunju, 2003.

Illi l-istess talba ma' tistax lanqas tintlaqa' fil-mertu, stante illi l-Awtorita' intimata infurmat lill-intimat illi hija kienet ser tisegwixxi l-parti tat-Twaqqif ta' l-avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq, u mhux l-Avviz fit-totalita tieghu.  Minkejja li l-intimat kien infurmat anke b'din id-distinzjoni fil-mori tal-mandat ta' inibizzjoni imsemmi izjed il-fuq, xorta wahda qieghed jipprova jaghti l-ippressjoni illi l-avviz ser jigi eswgwit fit-totalita tieghu.  A tenur ta' l-Artikolu 52 (6) (a) ta' l-Att 1 tal-1992, kif emendat bl-att numru XXI tal-2001, l-effetti ta' l-Avviz biex tieqaf (stop notice) ghandhom ikollhom effett immedjat, irrispettivament mil-fatt jekk sarx appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar, u ghaldaqstant, ir-rikorrenti ghandhom jieqfu mill-uzu llegali minnufih.

Illi a tenur tal-provvediment ta' l-artikolu 55A (1) ta' l-Att 1 tal-1992, kif emendat bl-att numru XXI tal-2001, l-Awtorita' ghandha l-poter li twaqqaf kwalunkwe operazzjoni li fuqha l-istess Awtorita' tkun harget avviz biex tieqaf u ta' twettieq, u biex taghmel dan, l-istess Awtorita' ghandha il-poteri fdati lilha a tenur tal-provedimenti ta' l-istess artikolu 55A.

Illi huwa car u manifest illi l-Awtorita' esponenti qeghda timplimenta l-parti tal-waqfien ta' l-Avviz stante li l-azzjoni li hija programmata li tigi mehuda hija limitata ghall-azzjoni li ma tippermettix li l-fond de quo ikunu jista' jintuza llegalment u dan skond l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq numru 690/00 kopja annessa u mmarkata bhala Dok. IJS 1.  Fil-mument li jigi kkonfermat illi l-izvilupp indikat fl-Avviz ta' Twettieq huwa llegali, mill-Bord ta' l-Appell, u jekk ikun hemm appell quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, wara li tinghata din id-decizjoni, l-istess Awtorita' tkun f'posizzjoni li tenforza tali avviz fit-totalita tieghu, u l-azzjoni f'dak il-kaz tkun it-tnehhija ta' l-istrutturi kompletament.  Certament li din id-distinzjoni hija wahda krucjali u jigi dikjarat illi l-awtorita' qatt ma intimidat lir-rikorrenti illi hija, f'dan l-istadju, kienet ser tnehhi l-istrutturi in kwestjoni.

Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rikors tieghu, r-rikorrent ma jsemmi l-ebda

kaz specifiku li skond huwa juri l-mod diskriminatorju li bih imxiet l-intimata fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant, rigward il-mertu, l-intimat minn issa tirriserva d-dritt illi twiegeb ghall-lanjanzi ta' l-istess rikorrent fi stadju ulterjuri meta l-istess rikorrent jgib a konjizzjoni ta' l-istess il-fatti u c-cirkostanzi fuqhom huwa bbazat ir-rikors tieghu.

Illi oltre dan, l-Awtorita' intimata hija marbuta bil-Ligi biex tesegwixxi l-Pjan ta' Struttura u timplimenta t-Temporary Provision Schemes u tissalvagwardja l-interess komuni billi tassigura li certu zvilupp ma jkunx qieghed isir f'zona fejn dak l-izvilupp m'huwiex permissibbli.

Illi oltre dan, l-Awtorita' intimata bl-ebda mod m'hi qeghda tintracja d-dritt tat-tgawdija tal-proprjeta' jew tad-dritt tax-xoghol tar-rikorrent.

Illi jigi daqstant iehor ribadit il-punt illi l-intimat, fid-decizjoni taghha fil-konfront tar-rikorrent segwiet il-Ligi u d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem, u ghaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrent f'dan il-kuntest ghandhom daqstant iehor jigu michuda u respinti.

Illi in vista tal-premess, t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi r-rikors thalla ghall lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal intimati fis- sens li a tenur ta' l-Artikolu 52 (6) (a) ta' l-Att 1 tal-1992, kif emendat bl-att numru XXI tal-2001, l-effetti ta' l-Avviz biex tieqaf (*stop notice*) ghandhom ikollhom **effett immedjat**, irrispettivament mill-fatt jekk sarx appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar, u ghaldaqstant, ir-rikorrenti ghandhom jieqfu mill-uzu llegali minnufih.

Ir-rikorrenti jaqbel li skond l-artikolu 52 (6) tal Kap 356 *Stop and Enforcement Notices* ghandhom ikollhom effett

immedjat.  Jaqbel ukoll li diversi talbiet ghal hrug ta mandati ta’ inibizzjoni jigu michuda a bazi ta’ dana l-artikolu tal-ligi.  Izda r-rikorrenti jikkontendi li l-kaz tieghu huwa differenti.

Ir-rikorrent ipprezenta r-rikors prezenti billi qed isostni li jekk li *Stop and Enforcement Notice* li nhareg kontra tieghu jigi attwat qabel ma’ tigi debitament processata l-applikazzjoni tieghu quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar u minghajr ma’ jigi moghti terminu xieraq u adekwat bhalma nghata lil haddiehor, id-drittijiet fondamentali tieghu ser jigu lezi, fosthom id-dritt li jgawdi hwejjgu, id-dritt li ikun hemm process xieraq, id-dritt li jahdem, id-dritt li ma jigix diskriminat.

L-intimati qed isostnu li l-Awtorita’ a tenur tal-provvediment ta’ l-artikolu 55A (1) ta’ l-Att 1 tal-1992, kif emendat bl-att numru XXI tal-2001,  ghandha l-poter li twaqqaf kwalunkwe operazzjoni li fuqha l-istess Awtorita’ tkun harget avviz biex tieqaf u ta’ twettieq.  Hi kienet infurmat lill-intimat illi hija kienet ser tesegwixxi **l-parti** biss tat-Twaqqif ta’ l-avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq, **u mhux l-Avviz fit-totalita’ tieghu**. L-azzjoni ta’ l-intimati kienet programmata biex ma tippermettiex li l-fond *de quo* jibqa’ jintuza illegalment.  Il-parti l-ohra ta’ l-avviz, u cioe’ li r-rikorrent jregga lura kollox skond il-permess, kienet ser tistenna l-ezitu ta’ l-applikazzjoni sanatorja li ghamel ir-rikorrent.

Ir-rikorrent xehed li ilu xi ghoxrin (20) sena jipparkja tlett *mobile cranes* li juza ghax xoghol tieghu u ta’ uliedu f’ghalqa li qieghda fejn joqghod. Hu ma kienx jaf li kellu bzonn permessi.  Kien applika ghal permess imma dana gie *refused*.  Ghamel appell li ghadu pendenti.  Fil-frattemp  gie *Enforcement Officer* u qallu biex fi zmien tmienja u erbghin (48) siegha johrog l-ingenji barra jew ihallihom gewwa bla ma juzahom. L-ingenji huma tar-rikorrent u anke l-ghalqa fejn jipparkjahom.  Meta harget l-*Enforcement Order* hu kien ghamel mandat ta’ inibizzjoni li  pero’ gie michud u mbaghad ghamel dana r-rikors kostituzzjonali.

F'dan ir-rikors ir-rikorrent qed jilmenta mill-hrug ta' dana id-*direct enforcement order* proprju meta huwa ghandu proceduri pendenti quddiem il-*Planning Appeals Board*.

Fil-kaz in ezami l-avviz li nhareg kontra r-rikorrent hu intiz biex ma jsirx parkeggjar tal-ingenji li jahdem bihom ir-rikorrent fl-ghalqa. Jirrizulta mill-provi li dina l-ghalqa fejn ir-rikorrenti jipparkja l-ingenji hija tieghu u li ilu jipparkja hemmhekk xi ghoxrin sena. Illi jekk jigi enforzat l-avviz anke parzjalment kif qed jippretendu l-intimati ser jigri li r-rikorrent ser jkollu jew johrog l-ingenji barra (u f'48 sieghu mhux ser isib jikri *garages* biex idahhal tlett *mobile cranes*) jew ihallihom gewwa bla ma juzahom u ghalhekk ma jkunx jista' jahdem. Ghalhekk fil-kaz in ezami l-effett ta' l-avviz mhux ser ikun parzjali izda r-rikorrent ser jitwaqqaf kompletament milli jahdem. Kien minhabba f'hekk li r-rikorrent ipprezenta dana r-rikors fuq lanjanza kostituzzjonali, billi ghalkemm hu kien qed juza r-rimedji ordinarji gie rinfaccjat b'*direct enforcement order* li ma kellux mod iehor kif jikkontestah hlief b'dana r-rikors.

F'sitwazzjoni bhal dina l-Qorti, ghalkemm l-Awtorita' ghandha l-poter li tenforza l-ordni li harget, izda la darba hemm l-appell pendenti, r-rikorrent ghandu dritt li jkollu process xieraq, u l-appell tieghu jigi deciz, qabel ma tigi enforzata l-ordni u ghalhekk l-Awtorita' ghandha tistenna l-ezitu ta' Appell qabel tipprosegwixxi bl-enforzar ta' l-avviz.

## DECIZJONI

Fic-cirkostanzi l-Qorti tiddeciedi li f'dana l-istadju r-rikors ghandu jibqa' differit ghal biex il-partijiet jinfurmaw lill-Qorti jekk l-Appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar giex deciz.

Spejjez riservati ghad-decizjoni finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------